**KUNSILL LOKALI MUNXAR**
Triq Profs Ġużè' Aquilina
Munxar MXR1012

**1.00 Laqgħa Numru 09/09(12_11_09).**

1.01 Minuti tal-laqgħa ta' nhar il-Ħamis, 12 ta' Novembru 2009, miżmuma fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali, Munxar.

1.02 Il-Kunsill iltaqa' fil-5.30 ta' filgħaxija.

1.03 Preżenti għal din il-laqgħa:

Is-Sur Joseph Sultana - Sindku.
Is-Sur Saviour Spiteri - Viċi-Sindku.
Is-Sur Mario Camilleri - Kunsillier.
Is-Sinjura Carmen Said - Kunsillier.
Is-Sur Patrick Grima - Kunsillier.

Is-Sur Anthony Grech - Segretarju Eżekuttiv.

1.04 Il-Kunsill segwa l-Aġenda li ntbagħtet fis-7 ta' Novembru 2009.

1. Minuti.
2. Korrispondenza.
3. Ilmenti.
4. Approvazzjoni tal-Kontijiet.
5. Jum il-Munxar 2009.
6. Milied 2009.
7. Ftehim ma' Din l-Art Ħelwa dwar it-Torri tax-Xlendi.
8. Xogħlijiet li qed isiru fil-Lokalita'.
9. Rapport tas-Sindku.
10. Rapport tas-Segretarju Eżekuttiv.
11. Mistoqsijiet mill-Kunsilliera.
12. Materji oħra.

1.05 Il-Minuti tal-laqgħa preċidenti ttieħdu bħala moqrija u ġew iffirmati.

**2.00 Korrispondenza.**

2.01 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand iċ-*Chairman*, Malta Book Fair Organising Committee, Bibljoteka Nazzjonali rigward il-Malta Book Fair 2009.

2.02 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand il-Koordinatur tal-Politika taż-Żgħażagħ, Segretarjat Parlamentari għaż-Żgħażagħ u Sport rigward in-National Youth Week 09, bejn it-8 u l-11 t' Ottubru 2009, fil-Valletta Waterfront.

2.03 Il-Kunsill irċieva Memo 54/2009 mingħand id-Direttur, Gvern Lokali li hija rigward 'Attivitajiet mill-Kunsilli Lokali - Programm fl-Education 22 u TVM'.

2.04 Il-Kunsill irċieva mingħand il-MEPA kopja ta' Applikazzjoni Nru. 03055/09 – *Construction of apartment at 3$^{rd}$ floor level and overlying penthouse* fi Triq ir-Rabat, Xlendi. Il-Kunsill ġie informat li kummenti/oġġezzjonijiet dwar l-applikazzjoni jridu jsiru bil-miktub kemm jista' jkun malajr.

2.05 Il-Kunsill irċieva Memo 55/2009 mingħand l-Assistenta Personali/Taqsima Legali, Dipartiment għall-Gvern Lokali li hija rigward 'Avviżi Legali Dwar l-Elezzjoni għall-Membri tal-Kumitat Eżekuttiv tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali'.

2.06 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand l-Onor. Dr. Chris Said, Segretarju Parlamentari għall-Konsultazzjoni Pubblika u Informazzjoni rigward il-kampanja ta' tindif fil-baħar organizzata mill-GreenPak, fil-31 t' Ottubru 2009.

2.07 Il-Kunsill irċieva Memo 56/2009 mingħand id-Direttur, Gvern Lokali li hija rigward 'Emendi għall-Att dwar Kunsilli Lokali'.

2.08 Il-Kunsill irċieva Memo 60/2009 mingħand l-Assistent Direttur, Diparitment għall- Gvern Lokali li hija rigward 'Rapport dwar l-Effiċjenza tal-Kunsilli Lokali'.

2.09 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-Gozo Action Group (G.A.G.) Secretary rigward il-'Leader' Sustainable Development Plan u l-ħlas tal-*fee*.

2.10 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand iċ-*Chairman* - Kumitat Lejlet Lapsi - Notte Gozitana 2010, Taqsima Kultura fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex rigward ir-raba' edizzjoni tan-Notte Gozitana, bejn l-14 u s-16 ta' Mejju 2010.

2.11 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand id-Direttur, Gvern Lokali rigward riklami u *posters* ta' attivitajiet.

2.12 Il-Kunsill irċieva Memo 65/2009 mingħand l-Assistenta Personali/Taqsima Legali, Dipartiment għall-Gvern Lokali li hija rigward 'Att Nru. XVI tal-2009 Avviż ta' Bidu fis-Seħħ'.

2.13 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand is-Segretarju Eżekuttiv, Wirt Għawdex fejn qed jinforma li din is-soċjeta' hija lesta li taħdem u tikkoopera mal-Kunsill.

2.14 Il-Kunsill irċieva Memo 68/2009 mingħand l-Assistenta Personali/Taqsima Legali, Dipartiment għall-Gvern Lokali li hija rigward 'Ħinijiet tal-Laqgħat'.

2.15 Il-Kunsill irċieva mingħand l-Uffiċjal Awtorizzat tal-Gozo Joint Committee for Law Enforcement kopja tal-Minuti tal-laqgħa li saret fil-25 ta' Settembru 2009 u l-Aġenda tal-laqgħa li jmiss ta' dan il-Kumitat sabiex tiġi mqassma kopja tagħhom lill-Kunsilliera.

2.16 Il-Kunsill irċieva mingħand l-Onor. Dr. Chris Said, Segretarju Parlamentari għall-Konsultazzjoni Pubblika u Informazzjoni l-istedina u l-programm għall-Konferenza 'Lokalitajiet Sostenibbli', fit-2 ta' Novembru 2009, fil-Lukanda Excelsior, Floriana.

2.17 Il-Kunsill irċieva mingħand is-Senior Manager, Product Development Directorate, Malta Tourism Authority rigward it-'Tourism Product Inventory'.

2.18 Il-Kunsill irċieva Memo 69/2009 mingħand id-Direttur, Gvern Lokali li hija rigward 'Uffiċini Reġjonali'.

2.19 Il-Kunsill irċieva permezz ta' *e-mail* mingħand is-Segretarju Eżekuttiv, Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali id-dokument Multilevel Governance li ser jiġi diskuss fil-laqgħa tas-Sindki u Viċi-Sindki tas-6 u 7 ta' Novembru 2009, fil-Palace Hotel, Sliema.

2.20 Il-Kunsill irċieva mingħand il-MEPA kopja ta' Applikazzjoni Nru. 03380/09 – *Proposed outside tables and chairs* fi Trejqet il-Madonna tal-Karmnu, Xlendi u Applikazzjoni Nru. 04331/09 – *Additions and alterations and split 4 apartments into 8 in block 1 and additions and alterations to add apartment in block 2* fi Triq il-Qsajjem kantuniera ma' Triq it-Torri, Xlendi. Il-Kunsill ġie informat li kummenti/oġġezzjonijiet dwar l-applikazzjonijiet iridu jsiru bil-miktub kemm jista' jkun malajr.

2.21 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand il-Heritage Planning Unit tal-MEPA rigward 'Wirja dwar il-Gallariji ta' l-Injam u l-Iskema tal-MEPA ta' Għotjiet ta' Flus għar-Restawr Tagħhom'.

2.22 Il-Kunsill irċieva mingħand l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali l-Minuti tal-Laqgħa għas-Sindki u Viċi-Sindki tat-8 u 9 ta' Mejju 2009 li saret f' The Palace Hotel, Sliema.

2.23 Il-Kunsill irċieva mingħand id-Director Corporate Services, MEPA l-iStatement of Funds sa l-aħħar ta' Settembru 2009 fir-rigward tal-fondi amministrati mill-MEPA.

2.24 Il-Kunsill irċieva Memo 70/2009 mingħand id-Direttur, Gvern Lokali li hija rigward 'Obbligu tal-Pubblikazzjoni tas-Sejħiet għall-Offerti u Kwotazzjonijiet'.

2.25 Il-Kunsill irċieva mingħand il-Planning Control Section tal-MEPA, informazzjoni rigward Applikazzjoni Nru. 0049/09 – *To reduce splay from 4.5 meters to 3.8 meters* fi Triq il-Qroll kantuniera ma' Triq iż-Żirżieb, Xlendi għall-attenzjoni tal-Kunsill.

2.26 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand il-ġenituri ta' Francesca u Michaela sabiex il-Kunsill jattendi għall-Good Luck Concert.

**3.00 Ilmenti.**

3.01 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand il-Ko-ordinatur Kulturali għal Għawdex rigward il-kampanja pubbliċitarja bl-isem "Gozo….the place to be for Christmas". Huwa qed joffri spazju ta' reklamar għal xi attivita' relatata ma' żmien il-Milied.

3.02 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-Kuntrattur KIP Għawdex Ltd. rigward it-tariffi tar-rimi tal-ġbir ta' l-iskart domestiku peress li t-tariffa telgħet għal kważi €20/tunnellata. Peress li hemm xi sidien ta' stabbilimenti kummerċjali fix-Xlendi li qed jużaw is-servizz ta' ġbir ta' skart domestiku, l-Kunsill qed jissussidja direttament lill-istabbilimenti kummerċjali. Għaldaqstant il-KIP Għawdex Ltd. qed jistaqsi lill-Kunsill jekk huwiex ser jibqa' jiġbor skart li jkun ġej mingħand dawn l-istabbilimenti.

3.03 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand l-Uffiċjal Inkarigat mit-Taqsima tal-Kultura f' Għawdex rigward ittra li ntbagħtet mill-Kunsill rigward l-attivita' Festubru li ġiet organizzata mill-Banda San Girgor ta' Kerċem. Huwa qed jiċħad li t-Taqsima tal-Kultura pprovdiet xi għajnuna la f' loġistika u wisq inqas fi flus għall-imsemmija attivita'. Barra li t-Taqsima offriet l-għajnuna kollha possibbli lill-Kunsill Lokali Munxar skont id-dispożizzjoni tagħha, fil-prinċipju ser tibqa' tisħaq kontra li attivitajiet ta' dawn id-dimensjonijiet jaħbtu fl-istess ġurnata u ser tibqa' tħejji u tikkoordina għal tqassim aħjar tal-Kalendarju Kulturali Għawdxi.

3.04 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand l-Awtorita' dwar it-Trasport ta' Malta, Gozo Manager rigward xi tabelli li hemm bżonn li jitranġaw.

3.05 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-*Leader* tal-Bessel Big Band li ħadet sehem fl-attivita' Eku mill-Munxar…dari u llum. Huwa qed jirringrazzja lill-Kunsill ta' l-opportunita' li ta lil din il-*band*.

3.06 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-*Manager* tal-Lukanda Xlendi fejn qed tinforma lill-Kunsill dwar xi xogħlijiet li ser jinbdew u li ser jieħdu madwar tliet ġimgħat.

3.07 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand is-Segretarju Parlamentari għall-Konsultazzjoni Pubblika u Informazzjoni, l-Onor. Dr. Chris Said rigward il-*Budget* 2010. Huwa elenka lista ta' miżuri relatati ma' l-operat tal-Kunsilli Lokali li tħabbru fid-Diskors tal-*Budget*. Fost dawn il-miżuri hemm żieda fl-allokazzjoni finanzjarja għall-Kunsilli Lokali sabiex il-Kunsilli jkunu jistgħu jibqgħu joffru l-aqwa servizz u jkabbru l-operat tagħhom.

**4.00 Approvazzjoni tal-Kontijiet.**

4.01 Il-Kunsill approva l-iskeda ta' pagamenti numru 09/09(12_11_09).

**5.00 Jum il-Munxar 2009.**

5.01 Din is-sena Jum il-Munxar ser jaħbat is-Sibt u għalhekk is-Serata ta' Jum il-Munxar ser issir is-Sibt, 12 ta' Diċembru 2009. Fis-6.15 ta' filgħaxija ser issir il-Quddiesa ta' Radd il-Ħajr fil-Knisja Parrokkjali ta' San Pawl Nawfragu, Munxar. Fis-7.30 ta' filgħaxija ser issir Serata ta' Jum il-Munxar fiċ-Ċentru Parrokkjali fejn ser jiġi ppreżentat Ġieħ il-Munxar. Fis-Serata ser issir *sketch* b' messaġġ edukattiv, kant minn Michaela u Francesca li rrappreżentaw lil Malta fil-Junior Eurovision Song Contest, kant mill-kor Ilħna Smewwija u kor minn Għawdex.

5.02 Għall-okkażżjoni ta' Jum il-Munxar, il-Kunsill ser jorganizza *Tournament* tal-Boċċi u l-Kunsill ser jagħti *voucher* ta' €120 li jinqasmu bejn tlieta. Il-preżentazzjoni lir-rebbieħa ssir fis-Serata ta' Jum il-Munxar.

5.03 Nhar is-Sibt, 12 ta' Diċembru 2009, ser issir Kampanja "Ipparteċipa sabiex inżommu lill-Munxar aktar nadif".
Fil-Pjazza tal-Knisja bejn id-9.30 ta' filgħodu u nofsinhar ser ikun hemm *set Bring in Sites*. Rappreżentant tal-WasteServ Malta Ltd. ser ikun fil-Pjazza sabiex jgħaddi informazzjoni dwar is-separazzjoni ta' l-iskart. Dawk kollha li ser jieħdu sehem ser jingħataw *token* magħmul minn skart riċiklat u pakkett boroż tas-separazzjoni b' xejn. It-tfal ikunu jistgħu joqgħodu jpenġu fuq materjal provdut lilhom.
Bejn is-7 ta' filgħodu u nofsinhar ser ikun hemm ukoll żewġ *open skips* għall-*bulky refuse*.
Din l-attivita' qed tittella' mill-Kunsill Lokali Munxar fl-okkażżjoni ta' Jum il-Munxar 2009 bil-kollaborazzjoni tal-WasteServ Malta Ltd. u l-Ministeru għar-Riżorsi u Affarijiet Rurali.

5.04 Nhar il-Ħadd, 13 ta' Diċembru 2009, ser inżuru l-villaġġ animat 'Bethlehem f' Għajnsielem'. Nitilqu mill-Pjazza tal-Knisja fl-4.30 ta' filgħaxija.

**6.00 Milied 2009.**

6.01 Il-Kunsill beda jiddiskuti dwar it-tiżjin tat-toroq fil-Munxar u Xlendi għal żmien il-Milied. Il-Kunsilliera wrew ix-xewqa li l-Kunsill jibni tiżjin tal-Milied minn membri ta' l-Għaqdiet fil-Munxar. Għaldaqstant ġie deċiż li ssir laqgħa ma' membri ta' l-Għaqda ta' l-Armar nhar it-Tnejn, 16 ta' Novembru 2009.

Il-ħin kien it-7.45 ta' filgħaxija u ġie deċiż li l-laqgħa tiġi aġġornata sabiex titkompla nhar it-Tnejn, 16 ta' Novembru 2009, fil-5.30 ta' filgħaxija bl-istess Aġenda.

Il-laqgħa tkompliet nhar it-Tnejn, 16 ta' Novembru 2009, fil-5.30 ta' filgħaxija. Preżenti kien hemm; Is-Sur Joseph Sultana - Sindku, s-Sur Saviour Spiteri - Viċi-Sindku, s-Sur Mario Camilleri - Kunsillier, is-Sur Patrick Grima - Kunsillier u s-Sur Anthony Grech - Segretarju Eżekuttiv.

Skużata kien hemm is-Sinjura Carmen Said - Kunsillier.

**7.00 Ftehim ma' Din l-Art Ħelwa dwar it-Torri tax-Xlendi.**

7.01 Is-Sindku ppreżenta abbozz ta' ftehim hekk kif ġie diskuss fil-laqgħa li saret bejn is-Sindku u l-Kunsillier Patrick Grima mas-Sur Martin Galea, Ms Carolyn Clements u s-Sur Martin Portelli fid-19 ta' Settembru 2009.

7.02 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li xtaq iqajjem żewġ punti. L-ewwel punt rigward meta sar l-iffirmar tat-trasferiment tat-Torri tax-Xlendi mid-Dipartiment ta' l-Artijiet lill-Kunsill u Din l-Art Ħelwa, huwa ma ntalabx biex jiffirma mas-Sindku u għalhekk ma hemmx bażi legali f' dak it-trasferiment. It-tieni punt li xtaq iqajjem is-Segretarju Eżekuttiv huwa li għalkemm is-Sindku ġie informat mis-Segretarju Eżekuttiv li nhar ta' Sibt ma setax ikun preżenti jekk ser issir xi laqgħa ma' Din l-Art Ħelwa, din il-laqgħa xorta saret fil-ġurnata tas-Sibt b' avviż permezz ta' sms anqas minn 24 siegħa qabel. Is-Sindku informa lill-Kunsill li l-laqgħa saret is-Sibt peress li s-Sur Martin Galea jkun jista' nhar ta' Sibt biss u għal-laqgħa seta' mar waħdu biss u fil-fatt kien hemm il-Kunsillier Patrick Grima.

7.03 Is-Segretarju Eżekuttiv irrimarka li rigward il-ftehim, peress li l-Kumitat propost ser jingħata fondi mill-Kunsill Lokali, jkun aħjar li wieħed mill-membri għan-naħa tal-Kunsill ikun is-Segretarju Eżekuttiv sabiex l-infieq isir skont il-Proċeduri Finanzjarji tal-Kunsilli. Is-Sindku kien ser jikkonsulta ma' Din l-Art Ħelwa biex jara jekk huwiex possibbli li kull parti jkollha tliet Rappreżentanti minflok tnejn. Kien hemm qbil li qabel ma jiġi ffirmat dan il-ftehim għandha tintalab approvazzjoni mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali.

Il-ħin kien is-6 ta' filgħaxija u l-Viċi-Sindku, s-Sur Saviour Spiteri daħal fil-laqgħa.

**8.00 Xogħlijiet li qed isiru fil-Lokalita'.**

8.01 Xogħlijiet kienu għaddejjin fil-pavimentar tal-*Playing Field* iżda l-Kunsill iħoss li x-xogħlijiet huma mexjin bil-mod wisq. Ġie kkuntatjat il-Perit Saliba sabiex issir laqgħa urġenti miegħu u b' hekk jiġi kkalkulat kemm żmien baqa' sakemm jitlesta ix-xogħol ta' pavimentar.

8.02 Dan l-aħħar saret il-Clean Up the Seas fix-Xlendi, fejn diversi voluntiera naddfu qiegħ il-baħar.

8.03 Is-*Central Strip* tal-*Parking* tax-Xlendi kienet għadha kemm tlestiet minn pavimentar ġdid. Dan ix-xogħol sar minn ħaddiema ta' l-IPSL u materjal inxtara mill-Kunsill.

8.04 It-triq li tagħti għal tas-Sanap waqgħet u dan ix-xogħol qed isir mit-Taqsima tas-CMU.

**9.00 Rapport tas-Sindku.**

9.01 Is-Sindku xtaq jibgħat il-kondoljanzi lill-familjari tas-Sur Anthony Camilleri, ex-Kunsillier tal-Kunsill Lokali Qala u s-Sur Pawlu Aquilina, ex-Kunsillier tal-Partit Nazzjonalista. Huwa xtaq jifraħ lill-Onor. Dr. Chris Said, Segretarju Parlamentari għall-Konsultazzjoni Pubblika u Informazzjoni għat-twelid ta' tarbija – tifel.

9.02 Is-Sindku rrefera għal-Laqgħa tas-Sindki fejn ġiet diskussa l-possibilita' li l-iskart isseparat isir darbtejn fil-ġimgħa u f' dawn il-ġranet ma jsirx ġbir ta' skart organiku. Saret ukoll laqgħa ma' GreenPak dwar il-*Bring in Sites*.

9.03 Is-Sindku informa lill-Kunsill li l-Kumpanija M-Quip Co. Ltd. talbet spjegazzjoni permezz ta' ittra dwar il-kriterji li ntużaw sabiex l-offerta tal-Bandli u *Merry Go Round* tingħata. Kienet saret laqgħa fil-Kunsill Lokali ma' l-Avukat Scerri fejn dan għandu jikteb lil din id-ditta.

9.04 Is-Sindku informa lill-Kunsill li kien applika għal Sports Initiatives Scheme 2010. Il-proġett propost jismu "A Healthier Community Through Sports". Dan il-proġett jinkludi għoxrin Sibtijiet ta' siegħa kull darba kemm għall-adulti kif ukoll għaż-żgħar. Ser tiġi organizzata *Fun Day* fil-Bajja tax-Xlendi f' nofs Ġunju 2010.

9.05 Is-Sindku ġie mistieden sabiex ikun membru ta' Kumitat li għadu kemm ġie iffurmat bejn id-Dipartiment ta' l-Artijiet, GTA, Ministeru għal Għawdex u Gozo Business Chamber. Dan il-Kumitat ser jaħdem sabiex jagħti dehra aħjar lix-Xlendi fost oħrajn id-dwal u passaġġi u aktar ordni rigward l-imwejjed ta' l-istabbilimenti ta' l-ikel. Rigward dawn l-imwejjed, il-Kunsill ser jipproponi sabiex imwejjed jitpoġġew in-naħa ta' ġewwa u fit-tarf maġenb il-baħar ikun jista' jitgawda mill-pubbliku.

9.06 Is-Sindku attenda l-laqgħa tas-Sindki fejn ġie diskuss dwar il-Kumitat tar-Reġjuni li ser jibda jiffunzjona minn Jannar li ġej. Huwa informa lill-Kunsill li fil-5 ta' Diċembru 2009, is-Sindki t' Għawdex kienu ser jospitaw numru ta' Sindki minn Calabria u ser isir riċeviment u l-ħlas jinqasam bejn il-Kunsilli Għawdxin.

**10.00 Rapport tas-Segretarju Eżekuttiv.**

10.01 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li minn tagħtif li wasallu, t-Taqsima tad-Drenaġġ kienet ser tgħaddi *main* tad-drenaġġ minn nofs Ġnien Ragalna u ser ikun hemm il-bżonn li jinqalgħu xi siġar taż-Żebbuġ. Għaldaqstant il-Kunsill kien ser jitlob lit-Taqsima tad-Drenaġġ biex tikkonsidra jekk huwiex teknikament possibbli li jgħaddi mit-triq.

10.02 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li kienu ġew ippubblikati żewġ avviżi, għal Patching/Resurfacing Works u Supply of Luminaires and Electrical Accessories fil-Gazzetta tal-Gvern tat-13 ta' Novembru 2009 u fit-18 ta' Novembru 2009, fil-Malta Independent. Is-Sindku ssuġġerixxa li t-*tender* għal Supply of Luminaires and Electrical Accessories tiġi kkanċellata peress li issa hemm il-Kumitat li ser jieħu ħsieb xogħlijiet fix-Xlendi.
Kellha ssir sejħa għall-kwotazzjonijiet għal Supply and Laying of Marble Antique for New Munxar Playing Field, Supply only Sahara tile with round cuts for New Munxar Playing Field u Design and Supply of Christmas Decorations fil-Gazzetta tal-Gvern ta' l-20 ta' Novembru 2009 u fit-18 ta' Novembru 2009, fil-Malta Independent.

10.03 Il-Kunsill iddeċieda li mill-lum 'il quddiem meta jridu jsiru trinek fit-toroq li jkunu miksija bit-tarmak it-tiswija ssir bit-tarmak u wisa' ta' *paver*. Jekk it-triq tkun dejqa għandha tingħata kisja lit-triq kollha.

**11.00 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera.**

11.01 Il-Viċi-Sindku, s-Sur Saviour Spiteri talab lill-Kunsill sabiex titranġa parti mill-bankina ta' quddiem is-Sur Alvin Scicluna fi Triq San Pawl. Il-Kunsill kien ser jikkonsulta mal-Perit.

**12.00 Materji oħra.**

12.01 Is-Sindku informa lill-Kunsill li hemm il-bżonn li jitnaddaf Wied is-Sidra bil-gaffa. Kien hemm qbil dwar dan.

12.02 Is-Sindku ġie avviċinat minn resident fi Triq il-Munxar fejn informah li meta t-triq inksiet bit-tarmak xi 15-il sena ilu, l-ilma qed jaqleb fuqu. Huwa qed jitlob sabiex isir xi rimedju biex ma jibqax jaqa' ilma fuqu. Ġie deċiż li tinkiteb ittra lill-Awtorita' dwar it-Trasport ta' Malta.

Il-laqgħa spiċċat fit-8.30 ta' filgħaxija u ġie miftiehem li laqgħa oħra ssir nhar il-Ħamis, 17 ta' Diċembru 2009, fil-5.30 ta' filgħaxija.

**Joseph Sultana**
***Sindku.***

**Anthony Grech**
***Segretarju Eżekuttiv.***